MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 234/2016 LM

**Eretric Limited (C 14572)**

***vs*.**

**Unpaused Co. Ltd (C 32437)**
**u**
**Billboard Advertising Limited (C 27899)**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin f'wieħed, dak prinċipali mis-soċjetà intimata **Unpaused Co. Ltd. (C 27899)**, u l-ieħor inċidentalment mis-soċjetà rikorrenti **Eretric Limited (C 14572(M))** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà rikorrenti'] mis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-

Ewwel Qorti'], fejn iddeċidiet it-talba tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., u tas-soċjetà intimata l-oħra **Billboard Advertising Limited (C 27899)**, kif ġej:

> *"...tillibera lis-soċjetà Billboard Advertising Ltd mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati.*
>
> *Filwaqt tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd fil-kawża għajr għal dak tal-kwantu, u tilqa' t-talba tal-attriċi in parti u tikkundanna għalhekk lis-soċjetà Unpaused Co Ltd tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn mitejn u disa' u tletin ewro u ħames ċenteżmi (€2,239.05 ewro)*
>
> *Tordna lis-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd tħallas l-ispejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali preżentata fis-26 ta' Lulju 2016 (ref 1892/2016) u tal-mandat ta' sekwestru bl-imgħax legali li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-avviż sad-data tal-pagament effettiv".*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta' €4,478.10 jew somma oħra verjuri, rappreżentanti danni u spejjeż li s-soċjetà rikorrenti allegatament sofriet riżultat ta' ħsara fil-ħġieġ tax-*showroom* tagħha f'Triq il-Mitħna ta' Caraffa, Ħal-Luqa. Jirriżulta li din is-soċjetà kienet daħlet fi ftehim mas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., fejn tat il-kunsens tagħha sabiex l-imsemmi ħġieġ jintuża għar-reklamar, u għalhekk l-imsemmija soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. kienet inkarigat lis-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd sabiex twaħħal reklam permezz ta' *sticker* dirett fuq il-ħġieġ in kwistjoni. Sussegwentement meta kellu jitneħħa ir-reklam, is-soċjetà rikorrenti kienet waqqfet lis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. milli tagħmel dan, għaliex il-ħġieġ irriżulta li kien sofra ksur. Meta s-soċjetà rikorrenti talbet għal stima

sabiex il-ħġieġ jerġa' jsir mill-ġdid, irriżultalha li l-ħsara kienet seħħet minħabba l-fatt li r-reklam twaħħal direttament fuq il-ħġieġ u dan kien ta' kulur iswed li attira sħana qawwija għal fuq l-istess ħġieġ.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fit-23 ta' Settembru, 2016, fejn ħarrket lis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. u lis-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. sabiex jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn dik il-Qorti sabiex:

> *"...prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet li ser jiġu dettaljatament ittrattati tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, tħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef, erba' mija tmienja u sebgħin ewro u għaxar ċenteżmi (€4,478.10), jew somma oħra verjuri, rappreżentanti danni u spejjeż kaġunati minn ħsarat fil-ħġieġ tax-showroom tas-soċjetà attriċi f'Eretric, Triq il-Mitħna ta' Caraffa, Ħal-Luqa, Malta, liema ħsarat ġew kaġunati unikament b'riżultat li twaħħal minnkom, jew min minnkom, jew fuq inkarigu tagħkom u minħabba t-traskuraġni, imperizja, negliġenza, nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u/jew nuqqas ta' diliġenza minn naħa tal-istess, kif ukoll sabiex tħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni u spejjeż konsegwenzjali sofferti mis-soċjetà attriċi, inkluż għat-telf ta' qliegħ u għax-xogħlijiet rimedjali kollha li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel u għad trid tagħmel sabiex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet tagħkom, hekk kif jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, b'dan li ai fini ta' kompetenza qed jiġi dikjarat illi l-ammont globali mitlub ma jeċċedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali ppreżentata fis-26 ta' Lulju, 2016 (Ref 1892/2016) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-intimati, u bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata applikabbli skont il-liġi, dekorribbli fuq is-somma eventwalment likwidata mid-data tan-notifika tal-appena ndikata ittra uffiċjali, ċioe mid-29 ta' Lulju, 2016, sad-data tal-pagament effettiv."*

4. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. eċċepiet dan li ġej permezz tat-tweġiba tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2016: (a) it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (b) hija m'għamlitx jew naqset milli tagħmel xi ħaġa li bħala konsegwenza ġraw id-danni allegati; (ċ) hija m'għandha tagħti xejn lis-soċjetà rikorrenti; (d) is-soċjetà rikorrenti kienet inkarigat lis-soċjetà intimata sabiex twaħħal u taqla' ir-reklam in kwistjoni, u hija ma kienitx responsabbli għal xi danni allegatament inkorsi minn dik tal-ewwel; (e) għandu jiġi ppruvat li l-allegati danni seħħew tort tagħha; (f) il-kwantum tad-danni kien qed jiġi kkontestat; (ġ) kienet is-soċjetà intimata li kienet ġiet inkarigata twaħħal u taqla' ir-reklam in kwistjoni; (g) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Is-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. wieġbet fil-31 ta' Ottubru, 2016, u eċċepiet is-segwenti: (a) preliminarjament hija ma kienitx il-leġittima kontradittriċin, stante li ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti; (b) bla preġudizzju, il-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; (ċ) is-soċjetà rikorrenti għandha tressaq prova suffiċjenti tal-allegati ħsarat u danni sofferti minnha, u li dawn huma konsegwnza ta' xi nuqqas tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom; (d) bla preġudizzju, ix-xogħlijiet saru skont is-sengħa u l-arti; (e) ix-xogħlijiet li saru ma setgħux wasslu għall-ħsarat li qiegħda tallega s-soċjetà rikorrenti; (f) fi kwalunkwe każ, l-ammonti pretiżi huma eċċessivi; (g) salv eċċezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjeż.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

***"Ikkunsidrat***

*Il-fatti ta' dan il-każ huma li s-soċjetà Unpaused Company Limited għamlet ftehim mas-soċjetà attriċi Eretric Ltd sabiex jitwaħħal reklam mal-ħġieġ tas-showroom tagħha. Illi wara li kienu ftehmu dwar dan, is-soċjetà konvenuta Unpaused Company Limited kienet qabdet kumpannija oħra u ċioè lil Billboard Adversting Limited sabiex iwaħħlu dan ir-reklam li kien se jkun sticker imwaħħal dirett fuq il-ħġieġ. Ġara li meta kien wasal iż-żmien sabiex jinqala' dan ir-reklam, ġew imwaqqfa milli jagħmlu dan minħabba li l-ħġieġ kien imkisser. Meta l-istess soċjetà attriċi ġabet stima tax-xogħol sabiex tinbidel il-ħġieġa, ħareġ li dan kien seħħ minħabba li r-reklam kif kien magħmul u mwaħħal ikkaġuna ħsara fuq il-ħġieġ. Illi għalkemm kien hemm diversi drabi oħra fejn kien twaħħlu reklami iżda qatt ma kienu dirett fuq il-ħġieġ iżda fuq frame fuq in-naħa ta' ġewwa. Illi dan ir-reklam kien ġie mwaħħal għal diversi xhur sakemm kellu jiskadi l-kuntratt u cioè sa Frar 2016.*

*Il-fatti ta' dan il-każ huma li s-soċjetà Unpaused Company Limited għamlet ftehim mas-soċjetà attriċi Eretric Ltd sabiex jitwaħħal reklam mal-ħġieġ tas-showroom tagħha. Illi wara li kien ftehmu dwar dan, is-soċjetà konvenuta Unpaused Company Limited kienet qabdet kumpanija oħra u ċioe' lil Billboard Adversting Limited sabiex iwaħħlu dan ir-reklam li kien se jkun sticker imwaħħal dirett fuq il-ħġieġ. Ġara li meta kien wasal iż-żmien sabiex jinqala' dan ir-reklam, ġew imwaqqfa milli jagħmlu dan minħabba li l-ħġieġ kien imkisser. Meta l-istess soċjetà attriċi ġabet stima tax-xogħol sabiex tinbidel il-ħġieġa, ħareġ li dan kien seħħ minħabba li r-reklam kif kien magħmul u mwaħħal ikkaġuna ħsara fuq il-ħġieġ. Illi għalkemm kien hemm diversi drabi oħra fejn kien twaħħlu reklami iżda qatt ma kienu dirett fuq il-ħġieġ iżda fuq frame fuq in-naħa ta' ġewwa. Illi dan ir-reklam kien ġie mwahhal għal diversi xhur sakemm kellu jiskadi l-kuntratt u ċioe' sa Frar 2016.*

***Provi***

*Illi qabel din il-Qorti tgħaddi fuq il-mertu tal-każ, sejra tagħmel referenza għal dak li jgħid l-Artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova. Illi għalhekk huwa mistenni li kull parti tressaq dik il-prova neċessarja sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ u fin-nuqqas ta' possibilità li jkun hemm dik il-prova, il-Qorti tista' tħares lejn provi sekondarji. Illi l-Qorti timxi mal-prinċipju li fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.*

*Illi wkoll fil-każ* ***Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.*** *(Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) fejn l-appellanti ikkontestaw numru ta' dokumenti li kienu ġew esebiti:*

> "l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jiġifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha rilevanti għall-każ tiegħu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawża. ..."

*Illi in oltre, kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et*** *deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-*

> **"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."**

*Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (****Borg vs Bartolo****– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (****Caruana vs Laurenti*** *– Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 t'April, 1994;* ***Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib*** *– Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju, 1981;* ***Vassallo vs Pace*** *- Vol.LXX.II.144 u* ***Zammit vs Petrococchino*** *– Appell Kummerċjali – 25 ta' Frar, 1952).*

*Fil-kamp ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mgħotija lilu imma jekk dawn il-fatti humiex tali li huma verosimili għal dak li ġara. Illi għalhekk dan il-prinċipju tal-bilanċ tal-probabilitajiet marbuta mal-fatti huma l-bażi tal-azzjoni azzjoni ċivili. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli.*

*Illi f'dan il-każ Henry Farrugia għan-nom tas-soċjetà attriċi qal li huwa kien avviċinat mis-soċjetà konvenuta Unpaused Company Limited u kien jitħallas minn għandha talli kien tahom spazju biex jitwaħħal reklam mal-ħġieġ. Illi minħabba l-fatt li rriżulta li din il-ħġieġa kellha xi qsim magħha, bejn il-partijiet ma kienx hemm qbil li dan seħħ minħabba xi difett ta' kif kien magħmul ir-reklam. Illi l-unika persuna li tressaq li mhux parti fil-kawża kien Charlton Borg li jaħdem mas-soċjetà JS Dimech Ltd li kienet hi li weħlet il-ħġieġ. Illi f'dan il-każ il-partijiet ma talbux sabiex jinħatar espert u jeżamina*

*x'seta' wassal għal każ in kwistjoni. Illi skont ma qal dan Charlton Borg il-kaġun ta' dan il-qsim fil-ħġieġ minħabba li kien hemm temperatura għolja magħhom kaġun tal-fatt li twahhal reklam iswed magħha u għalhekk assorba aktar sħana fejn wassal li inqasam il-ħġieġ. Għalkemm ma kienx hemm prova oħra li ħġieġ ieħor li ma kellux reklam imwaħħal miegħu, ma rriżultax li kien hemm ksur tagħhom u dan għal fatt li ebda mill-partijiet ma kontradixxa din il-ħaġa. Illi għalhekk l-unika fattur f'dan il-każ kien l-istess reklam li kien imwaħħal mal-ħġieġa. Illi mill-istess xhieda kemm minn naħa u l-oħra ħadd minnhom ma kontradixxa dan il-fatt li r-reklam ma wassalx għal ksur tal-ħġieġ. Dan qiegħed jingħad li anki kif saru l-kontro-eżamijiet saret fuq il-kwistjoni ta' responsabiltà min waħħlu jew inkella li ma kienx hemm informazzjoni tajba jekk fil-fatt dan il-ħġieġ kienx jiflaħ għal dan il-fatt ta' twaħħil ta' sticker. Illi għalhekk din il-Qorti tara mill-provi prodotti huwa ċar li dak li wassal għal ksur tal-ħġieġ kienet l-istess sħana li ġiet assorbita minħabba l-kulur li kellu dan ir-reklam.*

***Responsabilità***

*Is-soċjetà konvenuta Billboard Advertising Limited fl-ewwel eċċezzjoni tagħha qajmet il-kwistjoni li hija mhux il-leġittimu kuntradittur. Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2001 fejn intqal hekk:*

> "Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kienitx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor jew lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun

involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża."

*Illi mill-assjem tal-provi ma hemm xejn li jindika li s-soċjetà Billboard Advertising Ltd daħlet f'xi negozju mal-istess soċjetà attriċi. Illi f'dan il-każ, is-soċjetà konvenuta l-oħra Unpaused Company Limited kienet biss tat xogħol ta' dan ir-reklam biex jitwaħħal. Illi mid-dokumenti esibiti ma kien hemm ebda indikazzjoni li s-soċjetà Billboard Advertising Limited kienet daħlet xi ftehim dirett mas-soċjetà attriċi. Illi fil-fatt kienet l-istess soċjetà attriċi li kienet tibgħat l-invoices lil Unpaused Co. Ltd sabiex titħallas u filfatt hekk kien sar. Illi fil-fatt ħareġ b'mod ċar, li s-soċjetà Billboard Advertising Limited kienet biss sub-contractor tas-soċjetà Unpaused Co. Ltd. Illi fil-fatt hija kienet tagħmel dak mitlub mill-istess soċjetà Unpaused Co. Ltd u cioè fuq direzzjoni tagħha u xejn aktar. Il-klijent u ċioè f'dan il-każ is-soċjetà attriċi kienet tas-soċjetà konvenuta l-oħra Unpaused Co Ltd li għamlet l-arranġamenti kollha. Illi wkoll ma nġab ebda ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti dwar dan ix-xogħol sabiex almenu jiġi muri lil din il-Qorti fejn twassal ir-responsabiltà. Illi ladarbda ma hemm xejn li jindika li kien hemm xi relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Billboard Advertising Ltd, il-Qorti mill-provi li għandha ma tarax li teżisti r-relazzjoni ġuridika. Huma minnu li kienet din tal-aħħar li weħħlet ir-reklam iżda din aġixxiet fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ta' kif għandu jkun u ta' liema tip bħala kulur. Illi għalhekk għalhekk l-ewwel eċċezzjonijiet titqies li hija fondata.*

*Issa wara li ġie meqjus dan il-punt, il-Qorti sejra tgħaddi fuq il-kwistjoni tar-responsabbiltà li wassal għal ksur tal-ħġieġ. Illi kif ingħad hawn fuq dan ir-reklam twaħħal wara li kien sar ftehim bejn is-soċjetà attriċi u dik Unpaused Co. Ltd. Illi għal dan ir-reklam tħallsu diversi flejjes għal użu ta' dan l-ispazju. Illi l-punt kruċjali f'dan il-każ huwa jekk il-ħġieġ kienux ta' natura li jifilħu għas-sħana u b'hekk wassal biex dawn jinkissru. Illi ingħad li dan ir-reklam ma kienx twaħħal fis-Sajf iżda fil-perijodu invernali u għalhekk ma setax kien hemm dik is-sħana li tista' twassal għal dak li ġralhom. Illi wieħed mid-dokumenti esibiti u ċioè dak li jinsab a fol 27 tal-proċess juri li l-ħlasijiet bdew minn Mejju 2015 u baqgħu sejrin sa Mejju 2016. Illi għalkemm ma hemmx qbil meta twaħħal dan ir-reklam u dan kif ħareġ mill-kontro-eżami tal-istess Henry Farrugia, però minn dak li qalet Charmaine Fsadni li dan ir-reklam kien twaħħal f'Novembru 2015 u u kien sa Frar 2016. Illi għalhekk id-dokument imsemmi a fol 27 ma jagħtix stampa ċara li fil-fatt dawn il-ħlasijiet kienu għal dan ir-reklam partikolari u għalhekk wieħed seta' jindika li kien fi żmien meta t-temperatura tkun waħda għolja aktar minn normal speċjalment fuq elementi bħal ħġieġ.*

*Illi f'dan il-każ ma kienx hemm talba għal ħatra ta' espert u l-unika persuna li semma fattur li seta' wassal għal ksur tal-ħġieġ kien rappreżentant tal-kumpannija JS Dimech.*

*Dan il-fattur kien minħabba li ġie imwaħħal sticker sewda li kaġun ta' hekk assorba ħafna sħana u qasmet il-ħġieġa. Il-Qorti ma għandha xejn sabiex jiġi kontradett dan il-fatt u għalhekk tara li hemm bilanċ ta' probabbilità li dak li ntqal wassal għal ksur tal-ħġieġa.*

*Illi hemm fattur ieħor li jikkonċerna din il-kwistjoni u cioè jekk il-prodott kienx jiflaħ għal awment tat-temperatura. Illi minn dak li qal l-istess rappreżentant tas-soċjetà JS Dimech, il-ħġieġ kien magħmul biex tara minnu u mhux li jitwaħħlu affarijiet miegħu. Illi ġie kkonfermat li f'dan il-każ is-soċjetà attriċi ma staqsiet xejn jekk fil-fatt jistax jitwaħħal miegħu xi ħaġa. Illi lanqas jista' jingħad li dan twaħħal u huma ma kienux jafu għax ma kienux preżenti. Huwa fatt li dan twaħħal bil-kunsens tagħhom, tħallsu tiegħu u kien biss meta ġie biex jinqala' li ndunaw u mhux waqt il-perijodu li kien għaddej ir-reklamar li din il-Qorti tara li hija pjuttost improbabbli li ma kienux jafu minn qabel. Dan jindika biss li ħallew il-pagamenti jibqgħu deħlin u jagħmlu biss referenza għal ksur tal-ħġieġ wara li kien spiċċa l-kuntratt. Illi kif ingħad u ġie konfermat ħadd mill-partijiet ma talab dwar jekk fil-fatt dan il-ħġieġ kienx jiflaħ jew le. Illi kemm is-soċjetà attriċi u dik is-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd ma ħadux l-izbriga li qabel isir it-twaħħil tar-reklam jaraw jekk fil-fatt il-ħġieġ kienx wieħed li jiflaħ. Illi mill-fatti tal-każ ħadd ma ġietu f'rasu bil-konsegwenza li kien hemm ksur ta' ħġieġa. Illi kif ingħad is-soċjetà konvenuta l-oħra, il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tagħha li hija ma hiex il-leġittimu kontradittur u dan għaliex hija mxiet fuq struzzjonijiet tas-soċjetà konvenuta l-oħra u qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Illi għalhekk ir-responsabiltà hija tat-tnejn u cioè dik tas-soċjetà attriċi li ma ratx minn qabel li jitwaħħal dak ir-reklam jekk fil-fatt kienx jiflaħ u minn naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta Unpaused Company Ltd li wara snin ta' esperjenza f'dan ix-xogħol ma ratx minn naħa tagħha dak li ġie mitlub li tagħmel bħala reklam.*

*Illi kif ġie spjegat hawn fuq f'sitwazzjoni bħal din jiġi adoperat il-principju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwitativa minħabba fil-kwalità ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta' raġun ikun tassew jeżisti. Għalhekk f'dan il-każ, il-qorti ser taddotta invece r-regola tal-*arbitrio boni viri *fejn l-ammont jiġi stabbilit* ex æquo et bono *mill-ġudikant. Illi kienu ż-żewġ partijiet kemm is-soċjetà attriċi u dik is-soċjetà konvenuta Unpaused Co. Ltd li ma ħadux dawk il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jassiguraw li l-ħġieġ kien jiflaħ u għalhekk għandhom ikun indaqs fejn tidħol ir-responsabiltà.*

*Illi s-soċjetà attriċi issollevat ukoll li hija talbet sabiex titħallas id-danni u spejjeż konsegwenzjali sofferti inkluż għat-telf ta' qliegħ u għax-xogħlijiet rimedjali kollha li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel u għad trid tagħmel sabiex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet. Illi s-soċjetà attriċi f'dan il-każ kull ma resqet bħala prova kienet li trid tiġi*

*mibdula l-ħġieġa. Illi ma nġiebet ebda prova ta' telf ta' qliegħ u x'kienu dawn ix-xogħlijiet rimedjali li għandhom isiru. Illi għalhekk din il-parti tat-talba tas-soċjetà attriċi qiegħda tiġi miċħuda."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Lulju, 2023, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

"1. *Tħassar u tirrevoka kompletament is-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet* Eretric Limited (C 14572) vs Unpaused Co. Ltd (C 32437) u Billboard Advertising Limited (C 27899) *u minflok tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà esponenti u konsegwentament tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti u dan bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti appellata; jew alternattivament*

2. *Tirriforma l-istess sentenza fil-kap tal-likwidazzjoni u l-allokazzjoni tad-danni u dan billi tikkundanna lis-soċjetà esponenti tħallas danni fi* quantum *ħafna anqas u li huwa ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ anke possibilment billi id-danni jew parti minnhom jiġu merfugħha mill-konvenuti l-oħra u fl-istess waqt tordna li kwalunkwe imgħax pagabbli għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza u li l-ispejjeż jiġi spartiti b'mod li huwa ġust u ekwu fiċ-ċirkostanzi tal-każ; kif ukoll li l-ispejjeż ta' Billboard Advertising Ltd ma jiġux attribwibbli lill-esponenti."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti (a) hija ma kellhiex tinżamm responsabbli bl-ebda mod għaliex hija ma setgħet qatt tobsor li s-soċjetà rikorrenti kienet ser tikri spazju fuq il-ħġieġ tagħha li ma kienx idoneju; (b) is-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. ma kellhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; (ċ) hija ma kellhiex tinżamm responsabbli għall-ħlas ta' imgħax għaliex ma kienx ġie likwidat l-ammont sad-data tal-preżentata tal-Avviż, iżda wkoll għaliex hija ma kellhiex taħti għall-fatt li damu sabiex jiġu deċiżi l-preżenti proċeduri; u (d) mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra, l-ispartizzjoni tal-ispejjeż kellha tkun iktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

8. Is-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. wieġbet fid-19 ta' Settembru, 2023, fejn sostniet li s-sentenza appellata hija ġusta u għaldaqstant timmerita konferma, għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

9. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat it-tweġiba tagħha fit-28 ta' Novembru, 2023, fejn issottomettiet li l-appell odjern huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha, tgħid li għaldaqstant dan jimmerita li jiġi miċħud. Flimkien mat-tweġiba tagħha, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat appell inċidentali tagħha fejn tfisser li hija tinsab aggravata bis-sentenza appellata għaliex: (a) l-Ewwel Qorti kkunsidrat li kien hemm element ta' ħtija kontributorja min-naħa tagħha; (b) l-Ewwel Qorti ħelset lis-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited mill-osservanza tal-ġudizzju; u (ċ) l-Ewwel Qorti naqset milli tillikwida danni għat-telf ta' qligħ li hija kienet sofriet.

10. Is-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited, fl-10 ta' Jannar, 2024 wieġbet għall-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti, fejn għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha, tissottometti illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

11. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., fit-8 ta' Frar, 2024, ippreżentat ir-risposta tagħha, fejn filwaqt li għamlet riferiment għas-sottomissjonijiet tagħha kif magħmulin fir-rikors tal-appell tagħha, tgħid li l-appell inċidentali m'għandux jintlaqa', salv għal dak li ngħad fir-rigward tat-tieni aggravju tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-partijiet, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, kif ukoll tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet fir-rigward tal-appelli rispettivi.

*L-ewwel aggravju:* *[l-ebda ħtija ma kellha tiġi attribwita lilha għaliex hija ma setgħetx basret li s-soċjetà appellata kienet ser tikri spazju fuq il-ħġieġ li ma kienx idoneju ]*

13. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. tissottometti li l-Ewwel Qorti kienet ordnatilha tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €2,239.05, li tirrappreżenta nofs il-valur tal-ħġieġa li tqiegħdet minflok dik maqsuma. Hija hawnhekk tiċċita dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbilità għall-ħġieġ li nqasam, fejn *arbitrio boni viri* attribwit ir-responsabbiltà lis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. u lis-soċjetà rikorrenti b'mod ugwali. Tikkontendi li meta s-soċjetà rikorrenti kriet il-ħġieġ sabiex fuqu jitwaħħlu r-reklami, hija kienet qiegħda tassumi r-riskji kummerċjali naxxenti minn dak in-negozju. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. tgħid li hawnhekk wieħed kellu jikkunsidra li: (a) is-soċjetà rikorrenti qatt ma kkonfermat mal-fornitur tal-ħġieġ jekk dan il-ħġieġ kienx idoneju sabiex jitwaħħlu fuqu r-reklami; (b) il-kera ta' €1,000 fix-xahar kienet waħda konsiderevoli, u għalhekk hija ma setgħetx tobsor li l-ħġieġ ma kienx ser ikun idoneju għall-iskop li nkera; (ċ) ma kienx irriżulta li s-soċjetà rikorrenti pprotestat jew talbet sabiex ir-reklam jitneħħa, u dan sakemm skada l-kuntratt. Tissottometti li x-xhieda tal-fornitur tal-ħġieġ Charlton Borg, turi li dan ma kienx idoneju sabiex jitwaħħlu fuqu ir-reklami, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti naqset meta krietu proprju għal dan l-iskop. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd.

tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1538 tal-Kap. 16 in sostenn tal-argument tagħha, b'enfażi fuq il-para (b) u (ċ) tiegħu. Tagħmel riferiment ukoll u tiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 1540 u tal-artikolu 1545 tal-Kap. 16. Tikkontendi li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt li s-soċjetà rikorrenti kienet kriet lis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. spazju fuq il-ħġieġ tan-negozju tagħha, u dan bi ħlas, sabiex jitwaħħlu reklami tagħha. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. tikkontendi li in kontro-eżami d-direttur tas-soċjetà rikorrenti Henry Farrugia, kien ammetta li huwa ma kienx daħal fil-kwistjoni ta' kif jitwaħħal ir-reklam u x'tip ta' reklam kien ser ikun. Saħansitra ammetta li huwa ma kienx ikkonferma mas-soċjetà li mingħandha kien ġie akkwistat il-ħġieġ jekk dan kienx idoneju. Tirrileva wkoll li r-rappreżentant tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. xehed li s-soċjetà rikorrenti qatt ma kienet qaltlu b'xi limitazzjonijiiet fuq il-ħġieġ. Hija ssostni li kellha tkun is-soċjetà rikorrenti li tassigura li l-ħġieġ in kwistjoni kien idoneju għall-użu ntiż, u filwaqt li tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-para. (b) tal-artikolu 1539 tal-Kodiċi Ċivili, tissottometti li ċertament ma kienx id-dover tas-soċjetà rikorrenti li teżerċita xi grad partikolari ta' diliġenza. Is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. tirrileva wkoll li s-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited kellha twieġeb hija wkoll *ex delicto* għaliex hija għandha jkollha l-għarfien fejn jista' jew fejn ma jistax isir reklamar fuq il-ħġieġ.

14. Is-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. tirrileva li l-aggravju tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. għandu jiġi miċħud fejn dan jolqot l-allegata responsabbilità *ex delicto* tagħha. Tgħid li l-ebda parti mix-xogħol ta' twaħħil kien sar ħażin, u ma nġabet l-ebda prova in kuntrarju proprju għaliex ma kienx hemm dubju li hija kienet għamlet xogħolha tajjeb. Tispjega li hija dejjem

eżegwiet l-ordnijiet tas-soċjetà rikorrenti, liema ordnijiet kienu dehru raġonevoli, u anki f'għajnejn kull operatur ta' diliġenza professjonali ordinarja ma kinux dehru li kienu ta' riskju materjali għall-ħġieġ. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tikkontendi li jekk l-ordnijiet li ngħatat kienu ħżiena, kellu jwieġeb għalihom min tahom u mhux min eżegwihom. Issostni li kellu jkun is-sid tal-oġġett mikri u fin-nuqqas min min kera l-istess oġġett li jikkonferma l-idonijetà tal-ħġieġ u hija ma kellhiex tbati l-konsegwenzi tan-nuqqas tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. u tas-soċjetà rikorrenti. Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 1539, 1540, 1545 u 1546 tal-Kodiċi Ċivili, li għalihom tagħmel riferiment is-soċjetà appellanti, saħansitra wkoll jikkonfermaw dan. Is-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited tgħid li dan kollu fehmitu l-Ewwel Qorti, u għalhekk illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju.

15. Min-naħa tagħha, is-soċjetà rikorrenti tgħid li hija ma taqbilx mas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., u ssostni li l-argument tagħha huwa għal kollox fieragħ u vessatorju. Tirrileva li ma rriżultax mill-provi li hija kienet assumiet xi obbligu partikolari fir-rigward tat-tip u l-kwalità tal-ħġieġ in kwistjoni, u dan filwaqt li tirrileva wkoll li sussegwentement kienu twaħħlu diversi reklami oħra ma' struttura appożita, mingħajr inċident jew kwistjoni. Is-soċjetà rikorrenti tispjega li l-ħsara saret proprju meta s-soċjetajiet l-oħra mingħajr l-ebda verifika ddeċidew li jagħmlu mod ieħor, u jwaħħlu reklam iswed direttament fuq il-ħġieġ u jħalluh hemm fl-eqqlel tax-xemx għal xhur sħaħ. Tikkontendi li fin-nuqqas ta' ftehim espress dwar il-grad tal-ħġieġ u l-użu li kellu jsir minnu, u fejn hija kienet sempliċement involviet ruħha f'inizjattiva kummerċjali, kien id-dmir u d-dover ta' dawk is-soċjetajiet l-oħra li jaċċertaw li ma kienet ser issir l-ebda ħsara. Tgħid

li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li għal żmien twil ir-reklami kienu jitwaħħlu fuq struttura appożita u mhux direttament mal-ħġieġ. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li l-liġi titlob li min jikri l-ħaġa għandu l-obbligu li jaġixxi bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk ma kienx jiswa li s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. tittenta titfa' xi ħtija fuqha, billi targumenta li hija kienet taf b'dak li kien qed jiġri, iżda qatt ma pprotestat. Tikkontendi li r-riskju fl-użu tal-oġġett kien għadda f'idejhom, u għalhekk huma kellhom l-użu u l-pussess tal-oġġett, u kienet proprju s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. li naqset milli tagħmel il-verifiki neċessarji. Min-naħa tagħha hija qatt m'offriet jew tat xi garanzija li l-ħġieġ kien idoneju għal dak li għamlet bih is-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. Tinsisti li dan kienet qiegħda twarrbu s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd, u saħansitra l-Ewwel Qorti kienet sfuġġielha wkoll, tant li hija kienet ser tippreżenta appell inċidentali dwaru.

16. Il-Qorti ma taqbilx mas-sentenza appellata u tgħid li s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. għandha raġun. L-Ewwel Qorti kkunsidrat qabel xejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 559 tal-Kap. 12, li jitlob li l-partijiet iressqu l-aħjar prova, u għarfet li għalhekk huwa mistenni li kull parti fil-kawża tressaq il-prova meħtieġa sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi, iżda fin-nuqqas ta' dik il-prova l-Qorti tista' tikkunsidra provi sekondarji. Għarfet ukoll li l-piż tal-prova huwa fuq min jallega fatt, u hawnhekk għamlet riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati in sostenn ta' dan il-prinċipju, u anki fir-rigward tal-grad tal-prova rikjest fil-kamp ċivili. Il-Qorti tgħid li hija ma ssib xejn x'tiċċensura f'dan kollu.

17. L-Ewwel Qorti mbagħad kompliet billi mbagħad investigat il-mertu tal-vertenza odjerna, u kkunsidrat dak li kien xehed Henry Farrugia għan-nom tas-

soċjetà rikorrenti, dwar il-fatt li huwa kien ġie avviċinat mis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., fejn huwa tħallas talli aċċetta li jitwaħħal reklam fuq il-ħġieġ in kwistjoni. Irrilevat li sussegwentement irriżulta li l-ħġieġ kien qed isofri minn qsim, iżda l-partijiet ma kienux qegħdin jaqblu li dan kien riżultat ta' difett ta' kif kien sar ir-reklam. L-Ewwel Qorti qalet li kien ġie prodott Charlton Borg li jaħdem ma-soċjetà JS Dimech Ltd. li kienet waħlet il-ħġieġ in kwistjoni, u rrilevat li dan ix-xhud ma kienx parti fil-kawża. Kompliet tgħid li l-imsemmi xhud kien spjega li l-qsim fil-ħġieġ kien riżultat ta' temperatura għolja kaġun tal-fatt li twaħħal reklam iswed miegħu, li għalhekk attira s-sħana li kkawżat qsim fil-ħġieġ, u dan fejn il-ħġieġ kien intiż sabiex wieħed jara minnu u mhux biex jitwaħħlu affarijiet miegħu. L-Ewwel Qorti osservat li l-partijiet ma kienux talbu sabiex jinħatar espert sabiex dan jistabbilixxi x'kien wassal għall-qsim, iżda għarfet ukoll li huma ma kkontestawx il-fatt li kien ir-reklam li proprju wassal għall-ħsara, u għalhekk hija kienet qiegħda tikkunsidra li l-qsim kien riżultat ta' sħana li ġiet assorbita minħabba l-kulur tal-reklam.

18. Wara li kkunsidrat ir-responsabbiltà *o meno* tas-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited, stante li din kienet qiegħda teċċepixxi li ma kienitx il-leġittima kontradittriċi għall-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti, u ddikjarat li l-ewwel eċċezzjoni tagħha kienet fondata, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat ir-responsabbiltà taż-żewġ soċjetajiet l-oħra fir-rigward ta' dak li wassal għall-qsim tal-ħġieġ in kwistjoni. Irrilevat korrettement li s-soċjetà rikorrenti ma kienitx indagat jekk dan il-ħġieġ seta' jitwaħħal miegħu xi ħaġa, u dak li twaħħal sar bil-kunsens tagħha, tant li tħallset għalih u kien biss meta ġie biex jinqala' r-reklam li sabet li l-ħġieġ kien miksur. L-Ewwel Qorti ma kienitx konvinta, u din il-Qorti tikkondividi l-fehma tagħha, li s-soċjetà rikorrenti ma kienitx taf minn qabel bil-

ħsara, u esprimiet il-fehma li din tal-aħħar kienet ħalliet il-pagamenti jsiru kollha sakemm spiċċa l-kuntratt, u kien hemm li rrilevat il-kwistjoni tal-ħsara.

19. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li ħadd miż-żewġ soċjetajiet ma kien ħa l-inizjattiva sabiex jikkonferma jekk il-ħġieġ kienx idoneju o meno sabiex jitwaħħal ir-reklam fuqu. L-Ewwel Qorti għalhekk iddeċidiet li tapplika l-prinċipju ta' *arbitrio boni viri,* li qalet li huwa mnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwitattiva meta jkun jidher li xi xorta ta' raġun ikun jeżisti, iżda wkoll ikkunsidrat li l-ammont kellu jiġi stabbilit *ex aequo et bono* mill-ġudikant, u b'hekk apporzjonat id-danni b'mod ugwali bejn l-imsemmija żewġ soċjetajiet.

20. Il-Qorti filwaqt li tikkunsidra d-disposizzjonijiet tal-artikoli 1554 u 1555 tal-Kap. 16, tirrileva li skont ix-xhieda ta' Henry Farrugia d-direttur tas-soċjetà rikorrenti mogħtija fl-*affidavit* tiegħu[1], il-ftehim ma' Brian Cremona li dak iż-żmien tal-kwistjoni kien jaħdem bħala *Marketing Manager* mas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., kien sabiex *"...jibdew jitwaħħlu xi reklami mal-ħġieġ tax-showroom u dan wara li konna qbilna fuq xi ħlasijiet".* Għalhekk meta s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. permezz tas-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited waħlet ir-reklam mal-ħġieġ in kwistjoni, li wassal għall-allegata ħsara fl-istess ħġieġ, hija kienet qiegħda timxi mal-ftehim li kellha, u huwa biss jekk is-soċjetà rikorrenti turi li s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. ma kienitx għamlet użu mill-ħġieġ bħala *bonus paterfamilias,* li hija tista' titlob id-danni mingħandha. Iżda ma jirriżultax mill-atti li ġie ppruvat b'xi mod li s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. għamlet użu mill-ħġieġ b'mod kuntrarju għall-ftehim verbali li kien sar bejn iż-żewġ soċjetajiet, jew mod ieħor li ma kienx

[1] *A fol.* 16.

mistenni minnha bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk il-Qorti tikkunsidra li m'għandha tiġi attribwita lilha l-ebda responsabbiltà għall-ksur tal-ħġieġ in kwistjoni.

21. Il-Qorti tikkunsidra li kif sewwa tirrileva s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., is-soċjetà rikorrenti kellha tkun taf jekk l-użu miftiehem kienx wieħed li l-ħġieġ kien jiflaħ għalih, u l-Qorti żżid tgħid li ċertament ir-responsabbiltà fir-rigward ma tistax tiġi attribwita lis-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., li ma kellha l-ebda sehem fl-għażla u fix-xiri tal-imsemmi ħġieġ. Din il-Qorti tagħraf ukoll li ma jirriżultax li s-soċjetà rikorrenti mponiet xi restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ħġieġ, u għalhekk lanqas jista' jingħad li s-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. marret kontra l-ftehim ta' bejniethom meta użat kuluri skuri għar-reklamar li twaħħal mal-ħġieġ, jew li din saħansitra ma kellhiex twaħħal ir-reklamar fuq il-ħġieġ dirett iżda fuq il-vinyl warajh kif kienet għamlet qabel.

22. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd. ġustifikat, u tilqgħu. Ġaladarba l-Qorti ser tgħaddi sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad ukoll it-talba tas-soċjetà rikorrenti, tgħid li jkun inutli li jiġu kkunsidrati l-aggravji l-oħra tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., u anki l-appell inċidentali ppreżentat mis-soċjetà rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqgħu bil-mod kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u b'hekk (a) tħassar is-sentenza appellata għajr fejn ġie ddikjarat li s-soċjetà intimata Billboard Advertising Ltd. għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju; (b) tilqa' l-**

**eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd għajr għar-raba' u s-seba' eċċezzjonijiet, li l-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom ġaladarba s-soċjetà intimata Billboard Advertising Limited ġiet iddikjarata mill-ewwel Qorti li hija mhijiex il-leġittima kontradittriċi tat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti; (ċ) tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, u dan filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aggravji l-oħra tas-soċjetà intimata Unpaused Co. Ltd., u anki tal-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**